MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 340/2005

**Rita Grima (ID: 261071M)**
**vs**
**Joseph Borg**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att** tac-**citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi:

PREMESS illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 2 ta' April 2001 annessa u mmarkata bhala Dokument A, l-konvenut huwa debitur ta' l-attrici fl-ammont ta' sebat elef u mitejn

lira Maltin (Lm 7,200) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut ghal self illi l-konvenut ha minghand l-attrici waqt iz-zmien illi huma kienu gharajjes, u peress illi l-konvenut issellef ammonti ohra mill-attrici illi jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf mija u tmintax-il lira u wiehed u tletin centezmu (Lm23,118.31 centezmu) (Dokumenti B u C);

PREMESS illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-attrici qed tipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dokument D);

PREMESS illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tletin elf, tlett mija u tmintax-il lira u wiehed u tletin centezmu (Lm30,318.31) rapprezentanti bilanc dovut bhala hlas ghall-self li nghata mill-attrici lill-konvenut waqt iz-zmien ta' l-gherusija taghhom**.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali u bl-interessi legali mid-data meta l-pagament kien dovut kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 29 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-bilanc dovut lill-attrici hija limitata ghal sebat elef u mitejn lira.

2. Illi l-attrici ma sellfet l-ebda somma ohra lill-konvenut.

3. Illi parti mit-talba ta' l-attrici hija preskritta fit-terminu ta' hames snin.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal a fol 28 li bih il-konvenut ammetta li hu ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' sebat elef u mitejn lira Maltin u li qed jikkontesta l-kumplament tat-talba attrici;

Rat id-digrieti a fol 41 u 55;

Rat il-verbal a fol 58 li bih id-difensur ta' l-attrici ssottometta li l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet billi dawk originali kienu gew sfilzati;

Rat il-verbal a fol 60 li bih Dr. Porsella Flores informa l-Qorti li hu gie mqabbad mill-konvenut bhala l-avukat tieghu privat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-konvenut;

**Talba**

Illi l-attrici qed titlob is-somma ta' Lm30,318.31 li hi tghid li silfet lill-konvenut u pprezentat dikjarazzjoni u *statements* a fol 5 sa 24 tal-process minn fejn suppost jirrizultaw il-flus li hija harget u silfet lill-konvenut.

**Kontestazzjoni**

Il-konvenut qed jaccetta li huwa ghandu jaghti biss is-somma ta' Lm7,200 kif jirrizulta mid-dokumenti a fol 5 tal-process. (ara wkoll ammissjoni a fol 28).

## Provi

L-attrici xehdet li selfet Lm7,200 lill-konvenut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni a fol 5 Dok A u is-somma ta' Lm23,118.31 skond id-Dokumenti B u C. Dwar is-somma ta' Lm3,000 Dok B qalet li kienet ghamlitlu garanti ghal din is-somma mal-Mid Med Bank, izda billi l-konvenut naqas li jhallas lura liil-Bank, dan dar fuqha u ha l-flus. L-attrici xehdet ukoll li kienet saret skrittura ohra apparti dik a fol 5 mal-konvenut ghall ammont ta' Lm20,000 ghand in-Nutar Victor Bisazza izda l-konvenut kien imminaccjaha u hadilha dina l-iskrittura.

Xehed il-konvenut li qal li hu jaccetta li l-attrici kienet tghinu finanzjarjament billi kellu problemi finanzjarji. Fil-fatt hu ammetta li ghandu jaghtiha Lm7,200. Ighid li l-attrici kienet harget Lm4,200 flus kontanti u Lm3,000 kienet ghamlet tajjeb ghalihom mal Mid Med Bank. Wara xi zmien hu ma kienx ghamel tajjeb ghal dawn it-Lm3,000 u l-attrici kienet hallset lill Bank. Il-konvenut isostni li dawn it-Lm3,000 hu kien hadhom mill Bank u kienet ghamlet tajjeb ghalihom l-attrici u huma nkorporati fis-somma ta' Lm7,200. Ighid li fl-*istatements* li pprezentat l-attrici hemm ammonti li skond l-attrici taghomlu meta lanqas kienu ghadhom jghixu flimkien. Cahad li ghamel xi skrittura ohra ghand in-Nutar Bisazza apparti dik li hemm a fol 5.

## Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u d-dokumenti ezibiti u tasal ghall konkluzzjoni li l-attrici ma rnexxiliex tipprova li hija ghandha tiehu aktar mill Lm7,200 li l-konvenut jammetti li ghandu jaghtiha. L-attrici ma rnexxiliex tipprova dak li qed tallega bhala bazi tal-azzjoni taghha.

Dwar it-Lm3,000 il-Qorti taqbel mal-konvenut li dana l-ammont hu inkluz fl-ammont ta' Lm7,200. Fil-fatt jirrizulta li skond l-istatements dana l-ammont inhareg fis-26 ta' Novembru 1999 (ara fol 8) mentri l-iskrittura dwar il-Lm7,200 saret wara u cjoe fit-2 ta' April 2001. Kieku dana l-ammont kien apparti il Lm7,200 l-ammont Lm3,000 kien

jizdied mieghu, kif ukoll kwalunkwe ammont iehor qabel dika d-data li l-attrici tghid li selfitu.

Dwar il-kumplament ta’ l-ammont mitlub, l-attrici ma gabet ebda prova konklussiva dwar meta nghataw il-flus lill konvenut u jekk fil-fatt inghatawx lilu. Li wiehed jimmarka biss bil-biro taht id-data mhiex il-prova li trid il-Ligi u anke kieku, l-ammont indikat ma jammontax ghas-somma li qed tintalab. Ghalkemm l-ammonti indikati ngibdu mill-bank ma jfissirx bil-fors li dawn l-ammonti gew mislufa kollha lill konvenut. Wiehed kien jistenna li almenu jkun hemm xi tip ta’ kitba fuq ammont sostanzjali bhal dak. L-attrici issemmi wkoll li saret skrittura ghand Nutar, izda dina l-iskrittura ma tirrizulta minn imkien. Xehed in-Nutar Victor Bisazza, u dan prodott mill-konvenut, u dan kien kategoriku li ma saret ebda skrittura ghandu rigward xi somma li l-konvenut kellu jaghti lill attrici.

In vista tal-konkluzzjoni raggjunta minn dina l-Qorti mhux il-kaz li tidhol fl-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni li kienet giet originarjament sollevata mill-konvenut tramite l-avukat tal-ghajuna legali.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm7,200
Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs.
Bl-imghax mit-2 ta’ April 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------